

Konvenuta: Technische Universität Hamburg-Harburg.

Intervenjenti: Hochschul-Informations-System GmbH

Domandi preliminari

(1) Għandu jiġi kkunsidrat bħala “kuntratt pubbliku” fis-sens tal-Artikolu 1(2)(a) tad-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-31 ta’ Marzu 2004, fuq kordinazzjoni ta’ proċeduri għall-għoti ta’ kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi [kuntratti pubbliċi għal xogħlijiet, għal provvisti u għal servizzi] ⁽¹⁾, kuntratt fejn, għalkemm l-entità kontraenti ma twettaqx fuq il-kuntrattur kontroll simili għal dak eżerċitat fuq id-dipartimenti tagħha stess, kemm l-entità kontraenti kif ukoll il-kuntrattur huma kkontrollati mill-istess organu, li jikkostitwixxi awtorità kontraenti pubblika fis-sens tad-Direttiva 2004/18 u l-entità kontraenti u l-kuntrattur essenzjalment jeżerċitaw l-attività tagħhom għall-organu komuni tagħhom (tranżazzjoni interna orizzontali)?

Fil-każ ta’ risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda:

(2) Il-kontroll simili għal dak li l-entità kontraenti teżerċita fuq id-dipartimenti tagħha stess għandu jiġi estiż għall-attività kollha tal-kuntrattur jew huwa biżżejjed jekk dan ikun limitat għall-qasam tal-provvista?

⁽¹⁾ ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 7, p. 132.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Finanzgericht Hamburg (il-Ġermanja) fil-15 ta’ Jannar 2013 — Simon, Evers, & Co GmbH vs Hauptzollamt Hamburg-Hafen

(Kawża C-21/13)

(2013/C 114/37)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Finanzgericht Hamburg

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Simon, Evers, & Co GmbH

Konvenut: Hauptzollamt Hamburg-Hafen

Domanda preliminari

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 499/2009, tal-11 ta’ Ġunju 2009, li testendi d-dazju definittiv anti-dumping impost bir-Regolament (KE) Nru 1174/2005 fuq l-importazzjonijiet tal-

pallet trucks tal-idejn u l-partijiet essenzjali tagħhom li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għall-importazzjonijiet tal-istess prodott ikkunsinnati mit-Tajlandja, kemm jekk ikun iddikjarat li oriġinaw mit-Tajlandja kif ukoll jekk le ⁽¹⁾, huwa invalidu minħabba li l-Kummissjoni, billi naqset milli tosserva l-kundizzjonijiet dwar id-determinazzjoni tal-evazzjoni tal-miżuri antidumping, hekk kif jirriżultaw mill-Artikolu 13 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96, tat-22 ta’ Diċembru 1995, dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta’ dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea ⁽²⁾, ikkonkludiet li hemm evazzjoni għas-sempliċi raġuni li l-volum tal-esportazzjonijiet korrispondenti mit-Tajlandja żdied b’mod kunsiderevoli wara l-introduzzjoni tal-miżuri, filwaqt li l-Kummissjoni ma għamlet l-ebda konstatazzjoni oħra konkreta fl-assenza ta’ kooperazzjoni mill-esportaturi Tajlandiżi?

⁽¹⁾ ĠU L 151, p. 1.

⁽²⁾ ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 10, p. 45.

Appell ippreżentat fit-8 ta’ Frar 2013 minn Groupement des cartes bancaires (CB) mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Is-Seba’ Awla) fid-29 ta’ Novembru 2012 fil-Kawża T-491/07, CB vs Il-Kummissjoni

(Kawża C-67/13 P)

(2013/C 114/38)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Appellanti: Groupement des cartes bancaires (CB) (rappreżentanti: F. Pradelles, avukat, J. Ruiz Calzado, avukat)

Partijiet oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea, BNP Paribas, BPCE, li qabel kienet Caisse Nationale des Caisses d’Epargne et de Prévoyance (CNCEP), Société générale

Talbiet tal-appellanti

— tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali, tad-29 ta’ Novembru 2012, mogħtija fil-Kawża T-491/07, CB vs Il-Kummissjoni;

— tirrinviya l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex hija terġa’ tiddeċiedi, ħliet jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li għandha biżżejjed informazzjoni sabiex tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2007) 5060 finali, tas-17 ta’ Ottubru 2007, dwar proċedura skont l-Artikolu 81 [KE] (COMP/D1/38606 — Groupement des cartes bancaires “CB”);

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż ta’ din il-proċedura, inkluż l-ispejjeż sostnuti mill-appellanti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali.